Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

C 380

Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 64

20 ta’ Settembru 2021

Werrej

II *Komunikazzjonijiet*

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

Il-Kummissjoni Ewropea

2021/C 380/01 Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Il-Każ M.10059 — SK hynix/Intel’s NAND and SSD business) ([1]) 1

IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

Il-Kummissjoni Ewropea

2021/C 380/02 Rata tal-kambju tal-euro — Is-17 ta’ Settembru 2021 2

INFORMAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI

2021/C 380/03 Aġġornament tal-lista ta’ postijiet ta’ qsim il-fruntiera msemmija fl-Artikolu 2(8) tar-Regolament (UE) 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Kodiċi tal-Unjoni dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta’ persuni min-naħa għall-oħra tal-fruntiera (Kodiċi tal-Fruntieri ta’ Schengen) 3

V *Avviżi*

PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

Il-Bank Ewropew tal-Investiment

2021/C 380/04 Sejħa għal proposti — L-Istitut tal-Bank Ewropew tal-Investiment jipproponi sponsorship ġdid tal-EIBURS taħt il-Programm ta’ Għarfien tiegħu 12

MT

([1]) Test b’rilevanza għaż-ŻEE.

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA KUMMERĊJALI KOMUNI

Il-Kummissjoni Ewropea

2021/C 380/05 Notifika ta’ bidu ta’ rieżami interim parzjali tal-miżuri kompensatorji applikabbli għal importazzjonijiet ta’ ċerta trota qawsalla li toriġina mir-Repubblika tat-Turkija 15

II

(Komunikazzjonijiet)

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata

(Il-Każ M.10059 — SK hynix/Intel's NAND and SSD business)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2021/C 380/01)

Fit 20 ta' Mejju 2021, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq intern. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]). It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss fl-Ingliż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kwalunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fih. Dan it-test jinstab:

— fit-taqsima tal-amalgamazzjoni tal-websajt tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/). Din il-websajt tipprovdi diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,

— f'forma elettronika fil-websajt EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu/homepage.html?locale=mt) fid-dokument li jġib in-numru 32021M10059. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi Ewropea.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1.

IV

(Informazzjoni)

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Rata tal-kambju tal-euro ([1])

Is-17 ta' Settembru 2021

(2021/C 380/02)

1 euro =

	Munita	Rata tal-kambju		Munita	Rata tal-kambju
USD	Dollaru Amerikan	1,1780	CAD	Dollaru Kanadiż	1,4913
JPY	Yen Ġappuniż	129,61	HKD	Dollaru ta' Hong Kong	9,1691
DKK	Krona Daniża	7,4360	NZD	Dollaru tan-New Zealand	1,6658
GBP	Lira Sterlina	0,85363	SGD	Dollaru tas-Singapor	1,5851
SEK	Krona Żvediża	10,1553	KRW	Won tal-Korea t'Isfel	1 386,26
CHF	Frank Żvizzeru	1,0931	ZAR	Rand ta' l-Afrika t'Isfel	17,1891
ISK	Krona Iżlandiża	151,40	CNY	Yuan ren-min-bi Ċiniż	7,6044
NOK	Krona Norveġiża	10,1208	HRK	Kuna Kroata	7,5092
BGN	Lev Bulgaru	1,9558	IDR	Rupiah Indoneżjan	16 762,90
CZK	Krona Ċeka	25,296	MYR	Ringgit Malażjan	4,9140
HUF	Forint Ungeriż	351,49	PHP	Peso Filippin	58,819
PLN	Zloty Pollakk	4,5804	RUB	Rouble Russu	85,4338
RON	Leu Rumen	4,9488	THB	Baht Tajlandiż	39,145
TRY	Lira Turka	10,1323	BRL	Real Brażiljan	6,2039
AUD	Dollaru Awstraljan	1,6111	MXN	Peso Messikan	23,4722
			INR	Rupi Indjan	86,5335

([1]) *Sors*: rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

INFORMAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI

Aġġornament tal-lista ta' postijiet ta' qsim il-fruntiera msemmija fl-Artikolu 2(8) tar-Regolament (UE) 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Kodiċi tal-Unjoni dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni min-naħa għall-oħra tal-fruntiera (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen) [1]

(2021/C 380/03)

Il-pubblikazzjoni tal-lista ta' postijiet ta' qsim il-fruntiera msemmija fl-Artikolu 2(8) tar- Regolament (KE) Nru 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 li jistabbilixxi Kodiċi tal-Unjoni dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni min-naħa għall-oħra tal-fruntiera (Il-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen) [2] hija bbażata fuq l-informazzjoni mogħtija mill-Istati Membri lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 39 tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen.

Minbarra l-pubblikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali, huwa disponibbli aġġornament fuq is-sit web tad-Direttorat Ġenerali għall-Migrazzjoni u l-Affarijiet Interni.

LISTA TA' PUNTI TA' QSIM BEJN IL-FRUNTIERI

IL-ĠERMANJA

Sostituzzjoni tal-informazzjoni ppubblikata fil-ĠU C 290, 20.7.2021, p.10.

Portijiet tal-Baħar tat-Tramuntana

(1) Baltrum

(2) Bensersiel

(3) Borkum

(4) Brake

(5) Brunsbüttel

(6) Büsum

(7) Bützflether Sand

(8) Buxtehude

(9) Bremen

(10) Bremerhaven

(11) Carolinensiel (Harlesiel)

(12) Cuxhaven

(13) Eckwarderhörne

(14) Elsfleth

(15) Emden

(16) Fedderwardersiel

(17) Glückstadt

(18) Greetsiel

[1] Ara l-lista ta' pubblikazzjonijiet preċedenti fl-aħħar parti ta' dan l-aġġornament.
[2] ĠU L 77, 23.3.2016, p. 1.

(19) Großensiel

(20) Hamburg

(21) Hamburg-Neuenfelde

(22) Herbrum

(23) Helgoland

(24) Hooksiel

(25) Horumersiel

(26) Husum

(27) Juist

(28) Langeoog

(29) Leer

(30) Lemwerder

(31) List/Sylt

(32) Neuharlingersiel

(33) Norddeich

(34) Nordenham

(35) Norderney

(36) Otterndorf

(37) Papenburg

(38) Spiekeroog

(39) Stade

(40) Stadersand

(41) Varel

(42) Wangerooge

(43) Wedel

(44) Weener

(45) Westeraccumersiel

(46) Wewelsfleth

(47) Wilhelmshaven

Portijiet Baltiċi

(1) Eckernförde (Faċilitajiet tal-port Federali tal-Flotta Navali Ġermaniża)

(2) Flensburg-port

(3) Greifswald-Ladebow port

(4) Jägersberg (Faċilitajiet tal-port Federali tal-Flotta Navali Ġermaniża)

(5) Kiel

(6) Kiel (Faċilitajiet tal-port Federali tal-Flotta Navali Ġermaniża)

(7) Kiel-Holtenau

(8) Lubmin

(9) Lübeck

(10) Lübeck-Travemünde

(11) Mukran

(12) Neustadt

(13) Puttgarden

(14) Rendsburg

(15) Rostock-port (fużjoni tal-portijiet ta’ Warnemünde u Rostock)

(16) Sassnitz

(17) Stralsund

(18) Surendorf

(19) Vierow

(20) Wismar

(21) Wolgast

ODERHAFF

(1) Ueckermünde

Ajruporti, ajrudromi, mtajar

FL-ISTAT FEDERALI TA’ BADEN-WÜRTTEMBERG

(1) Aalen-Heidenheim-Elchingen

(2) Baden Airport Karlsruhe Baden-Baden

(3) Donaueschingen-Villingen

(4) Freiburg/Brg.

(5) Friedrichshafen-Löwental

(6) Heubach (Krs. Schwäb. Gmünd)

(7) Lahr

(8) Laupheim

(9) Leutkirch-Unterzeil

(10) Mannheim-City

(11) Mengen

(12) Niederstetten

(13) Schwäbisch Hall

(14) Stuttgart

FL-ISTAT FEDERALI TAL-BAVARJA

(1) Aschaffenburg

(2) Augsburg-Mühlhausen

(3) Bayreuth – Bindlacher Berg

(4) Coburg-Brandebsteinsebene

(5) Giebelstadt

(6) Hassfurth-Mainwiesen

(7) Hof-Plauen

(8) Ingolstadt

(9) Landshut-Ellermühle

(10) Lechfeld

(11) Memmingerberg

(12) München “Franz Joseph Strauß”

(13) Neuburg

(14) Nürnberg

(15) Oberpfaffenhofen

(16) Roth

(17) Straubing-Wallmühle

FL-ISTAT FEDERALI TA’ BERLIN

(1) Berlin-Tegel

FL-ISTAT FEDERALI TA’ BRANDENBURG

(1) Berlin Brandenburg “Willy Brandt”

(2) Schönhagen

FL-ISTAT FEDERALI TA’ BREMEN

(1) Bremen

FL-ISTAT FEDERALI TA' HAMBURG

(1) Hamburg

FL-ISTAT FEDERALI TA' HESSEN

(1) Allendorf/Eder

(2) Egelsbach

(3) Frankfurt/Main

(4) Fritzlar

(5) Kassel-Calden

(6) Reichelsheim

FL-ISTAT FEDERALI TA' MECKLENBURG-VORPOMMERN

(1) Neubrandenburg-Trollenhagen

(2) Rostock-Laage

FL-ISTAT FEDERALI TAS-SASSONJA T'ISFEL

(1) Borkum

(2) Braunschweig-Waggum

(3) Bückeburg-Achum

(4) Celle

(5) Damme/Dümmer-See

(6) Diepholz

(7) Emden

(8) Fassberg

(9) Ganderkesee

(10) Hannover

(11) Leer-Nüttermoor

(12) Norderney

(13) Nordholz

(14) Nordhorn-Lingen

(15) Osnabrück-Atterheide

(16) Wangerooge

(17) Wilhelmshaven-Mariensiel

(18) Wittmundhafen

(19) Wunstorf

Fl-ISTAT FEDERALI TA' NORDRHEIN-WESTFALEN

(1) Aachen-Merzbrück

(2) Arnsberg

(3) Bielefeld-Windelsbleiche

(4) Bonn-Hardthöhe

(5) Dortmund-Wickede

(6) Düsseldorf

(7) Essen-Mülheim

(8) Bonn Hangelar

(9) Köln/Bonn

(10) Marl/Loemühle

(11) Mönchengladbach

(12) Münster-Osnabrück

(13) Nörvenich

(14) Paderborn-Lippstadt

(15) Porta Westfalica

(16) Rheine-Bentlage

(17) Siegerland

(18) Stadtlohn-Wenningfeld

(19) Weeze-Lahrbruch

Fl-ISTAT FEDERALI TA' RHEINLAND-PFALZ

(1) Büchel

(2) Föhren

(3) Hahn

(4) Koblenz-Winningen

(5) Mainz-Finthen

(6) Pirmasens-Pottschütthöhe

(7) Ramstein (US-Air Base)

(8) Speyer

(9) Spangdahlem (US-Air Base)

(10) Zweibrücken

FL-ISTAT FEDERALI TA' SAARLAND

(1) Saarbrücken-Ensheim

(2) Saarlouis/Düren

FL-ISTAT FEDERALI TAS-SASSONJA

(1) Dresden

(2) Leipzig-Halle

(3) Rothenburg/Oberlausitz

FL-ISTAT FEDERALI TAS-SASSONJA-ANHALT

(1) Cochstedt

(2) Magdeburg

FL-ISTAT FEDERALI TA' SCHLESWIG-HOLSTEIN

(1) Helgoland-Düne

(2) Hohn

(3) Kiel-Holtenau

(4) Lübeck-Blankensee

(5) Schleswig/Jagel

(6) Westerland/Sylt

FL-ISTAT FEDERALI TA' THÜRINGEN

(1) Altenburg-Nobitz

(2) Erfurt-Weimar

L-OLANDA

Sostituzzjoni tal-informazzjoni ppubblikata fil-ĠU C 316, 28.12.2007, p.1.

Fruntieri ta' l-art

(1) Amsterdam Centraal Station

(2) Rotterdam Centraal Station

Fruntieri ta' l-Ajru

(1) Amsterdam Schiphol

(2) Breda

(3) De Kooy

(4) Eindhoven

(5) Enschede Twente

(6) Groningen Eelde

(7) Kempen

(8) Lelystad

(9) Maastricht-Aachen

(10) Midden Zeeland

(11) Rotterdam

Fruntieri tal-Baħar

(1) Amsterdam Ijmond

(2) Den Helder

(3) Dordrecht

(4) Eemshaven

(5) Gent-Terneuzen

(6) Harlingen

(7) Hoek van Holland/Europoort

(8) Moerdijk

(9) Rotterdam-Havens

(10) Scheveningen

(11) Vlissingen

(12) Ijmuiden

Lista ta' pubblikazzjonijiet preċedenti

ĠU C 247, 13.10.2006, p. 25.
ĠU C 77, 5.4.2007, p. 11.
ĠU C 153, 6.7.2007, p.22.
ĠU C 164, 18.7.2008, p. 45.
ĠU C 316, 28.12.2007, p. 1.
ĠU C 134, 31.5.2008, p. 16.
ĠU C 177, 12.7.2008, p. 9.
ĠU C 200, 6.8.2008, p. 10.
ĠU C 331, 31.12.2008, p. 13.
ĠU C 3, 8.1.2009, p. 10.
ĠU C 37, 14.2.2009, p. 10.
ĠU C 64, 19.3.2009, p. 20.
ĠU C 99, 30.4.2009, p. 7.
ĠU C 229, 23.9.2009, p. 28.
ĠU C 263, 5.11.2009, p. 22.
ĠU C 298, 8.12.2009, p. 17
ĠU C 74, 24.3.2010, p. 13.
ĠU C 326, 3.12.2010, p. 17
ĠU C 355, 29.12.2010, p. 34.
ĠU C 22, 22.1.2011, p. 22.
ĠU C 37, 5.2.2011, p. 12.
ĠU C 149, 20.5.2011, p. 8.
ĠU C 190, 30.6.2011, p. 17.
ĠU C 203, 9.7.2011, p. 14.
ĠU C 210, 16.7.2011, p. 30.
ĠU C 271, 14.9.2011, p. 18.
ĠU C 356, 6.12.2011, p. 12.
ĠU C 111, 18.4.2012, p. 3.
ĠU C 183, 23.6.2012, p. 7.
ĠU C 313, 17.10.2012, p. 11.
ĠU C 394, 20.12.2012, p. 22.
ĠU C 51, 22.2.2013, p. 9.
ĠU C 167, 13.6.2013, p. 9.
ĠU C 242, 23.8.2013, p. 2.
ĠU C 275, 24.9.2013, p. 7.
ĠU C 314, 29.10.2013, p. 5.
ĠU C 324, 9.11.2013, p. 6.
ĠU C 57, 28.2.2014, p. 4.
ĠU C 167, 4.6.2014, p. 9.
ĠU C 244, 26.7.2014, p. 22.
ĠU C 332, 24.9.2014, p. 12.
ĠU C 420, 22.11.2014, p. 9.
ĠU C 72, 28.2.2015, p. 17.
ĠU C 126, 18.4.2015, p. 10.
ĠU C 229, 14.7.2015, p. 5.
ĠU C 341, 16.10.2015, p. 19.
ĠU C 84, 4.3.2016, p. 2.
ĠU C 236, 30.6.2016, p. 6.
ĠU C 278, 30.7.2016, p. 47.
ĠU C 331, 9.9.2016, p. 2.
ĠU C 401, 29.10.2016, p. 4.
ĠU C 484, 24.12.2016, p.30.
ĠU C 32, 1.2.2017, p. 4.
ĠU C 74, 10.3.2017, p. 9.
ĠU C 120, 13.4.2017, p. 17.
ĠU C 152, 16.5.2017, p. 5.
ĠU C 411, 2.12.2017, p. 10.
ĠU C 31, 27.1.2018, p. 12.
ĠU C 261, 25.7.2018, p. 6.
ĠU C 264, 26.7.2018, p. 8.
ĠU C 368, 11.10.2018, p. 4.
ĠU C 459, 20.12.2018, p. 40.
ĠU C 43, 4.2.2019, p. 2.
ĠU C 64, 27.2.2020, p. 17.
ĠU C 231, 14.7.2020, p. 2.
ĠU C 58, 18.2.2021, p. 35.
ĠU C 81, 10.3.2021, p. 27.
ĠU C 184, 12.5.2021, p. 8.
ĠU C 219, 9.6.2021, p. 9.
ĠU C 279, 13.7.2021, p. 4.
ĠU C 290, 20.7.2021, p. 10.

V

(Avviżi)

PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

IL-BANK EWROPEW TAL-INVESTIMENT

Sejħa għal proposti

L-Istitut tal-Bank Ewropew tal-Investiment jipproponi sponsorship ġdid tal-EIBURS taħt il-Programm ta' Għarfien tiegħu

(2021/C 380/04)

Il-Programm ta' Għarfien tal-Istitut tal-Bank Ewropew tal-Investiment jiffinanzja l-għotjiet għar-riċerka tiegħu permezz ta' skemi differenti, li waħda minnhom hija:

— **EIBURS**, il-Programm ta' **S**ponsorship għar-**R**iċerka Universitarja tal-**BEI** (EIB University Research Sponsorship Programme)

L-**EIBURS** jipprovdi għotjiet lil dipartimenti universitarji jew ċentri ta' riċerka assoċjati ma' universitajiet fl-Unjoni Ewropea, pajjiżi kandidati jew pajjiżi kandidati potenzjali li jaħdmu fuq suġġetti ta' riċerka ta' interess kbir għall-Bank. L-isponsorships tal-**EIBURS** – li jilħqu sa EUR 100 000 fis-sena għal perjodu ta' tliet snin – jingħataw permezz ta' proċess kompetittiv lil dipartimenti universitarji interessati jew ċentri ta' riċerka b'ħila esperta rikonoxxuta fil-qasam magħżul. Il-proposti li jirnexxu jinvolvu t-twassil ta' varjetà ta' riżultati li jkunu s-suġġett ta' ftehim kuntrattwali mal-Bank Ewropew tal-Investiment.

Għas-sena akkademika 2021/2022, il-programm **EIBURS** qed ifittex proposti dwar tema ġdida ta' riċerka:

"Il-futur tal-iskola: nisfruttaw il-potenzjal tat-teknoloġija tal-edukazzjoni diġitali"

It-teknoloġija diġitali, meta tintuża b'ħila u b'mod ekwu u effettiv mill-edukaturi, tista' tappoġġa bis-sħiħ l-aġenda ta' edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità għolja u inklużivi għall-istudenti kollha. Tista' tiffaċilita tagħlim aktar personalizzat, flessibbli u ċċentrat fuq l-istudent fil-fażijiet u l-istadji kollha tal-edukazzjoni u t-taħriġ. It-teknoloġija tista' tkun għodda b'saħħitha u attraenti għat-tagħlim kollaborattiv u kreattiv. Tista' tgħin lill-istudenti u lill-edukaturi jaċċessaw, joħolqu u jaqsmu l-kontenut diġitali. Tista' tippermetti wkoll li t-tagħlim isir lil hinn mill-ħitan tas-sala tal-lekċers, mill-klassi jew mill-post tax-xogħol, u b'hekk ikun hemm aktar libertà mir-restrizzjonijiet tal-post fiżiku u l-iskeda ta' żmien. It-tagħlim jista' jseħħ b'mod kompletament online jew b'mod imħallat, f'ħin, f'post u b'pass adattati għall-ħtiġijiet tal-istudent individwali. ([1])

Minkejja l-potenzjal għoli li għandha t-teknoloġija diġitali biex ittejjeb it-tagħlim, fis-settur tal-edukazzjoni hemm nuqqas ta' diġitalizzat sinifikanti meta mqabbel ma' setturi oħra, b'inqas minn 4 % tan-nefqa globali tiegħu allokata għall-hardware, is-software u s-servizzi ffaċilitati mit-teknoloġija ([2]). Bil-pandemija tal-COVID-19 u l-bidla f'daqqa sfurzata lejn tagħlim mill-bogħod ta' emerġenza, l-użu ta' għodod diġitali fl-edukazzjoni aċċellera b'mod sinifikanti u r-rilevanza tagħhom żdiedet. Madankollu, l-istruzzjoni mill-bogħod matul l-għeluq tal-iskejjel relatati mal-COVID esponiet nuqqasijiet kbar fir-rigward tal-prontezza diġitali tas-sistemi edukattivi. Minbarra l-limitazzjonijiet f'termini ta' aċċess għar-rekwiżiti

([1]) Il-Pjan ta' Azzjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Edukazzjoni Diġitali 2021–2027.

([2]) 10 tabelli li jispjegaw is-Suq tat-Teknoloġija Edukattiva Globali – HolonIQ

bażiċi għat-tagħlim remot, bħall-internet b'veloċità għolja u l-apparat diġitali, il-pandemija wriet li, anke meta dawn l-għodod kienu disponibbli, fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi l-użu tat-teknoloġija diġitali ma tejjibx it-tagħlim tradizzjonali. L-ostakli l-aktar prevalenti għal tagħlim remot effettiv irrappurtati matul l-għeluq tal-iskejjel fir-rebbiegħa tal-2020 kienu d-disponibbiltà limitata tar-riżorsi edukattivi diġitali u n-nuqqas ta' ħiliet diġitali, kemm għall-għalliema biex jintegraw l-approċċi diġitali fit-tagħlim u l-apprendiment kif ukoll għall-istudenti biex jużaw it-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT) bħala mezz biex jiksbu l-għarfien u jimmaniġġjaw it-tagħlim tagħhom. ([3])

Biex nimxu 'l quddiem, il-pandemija tista' taċċellera l-adozzjoni tat-teknoloġija diġitali fl-edukazzjoni. Ħafna esperti jaraw l-użu effettiv tat-teknoloġija diġitali fil-klassi bħala element ewlieni tal-isforzi biex jinbnew mill-ġdid sistemi edukattivi aħjar minn qabel il-kriżi sabiex ipattu għat-telf fit-tagħlim ([4]). Madankollu, biex jintlaħaq dan l-għan, huma meħtieġa investimenti sostanzjali. L-ispiża biex l-iskejjel madwar l-Unjoni Ewropea jiġu mgħammra b'teknoloġija diġitali bażika u biex jiġu żgurati l-manutenzjoni u l-operat tan-networks u t-tagħmir fuq perjodu ta' ħames snin hija stmata li tkun ta' EUR 29,7 biljun ([5]). Barra minn hekk, ta' min iżomm f'moħħu li t-tip u d-disinn tal-għodod u l-pjattaformi teknoloġiċi, kif ukoll il-pedagoġija diġitali użata, għandhom impatt dirett fuq jekk l-individwi humiex inklużi jew esklużi mit-tagħlim. Sabiex tiġi żgurata allokazzjoni effiċjenti tar-riżorsi fis-settur, huwa importanti li jittieħdu t-tagħlimiet meħuda mill-esperjenza attwali ta' tagħlim remot fuq skala kbira madwar id-dinja u li jiġi mifhum x'jaħdem biex jittejjeb it-tagħlim.

L-attivitajiet ta' riċerka proposti f'dan id-dokument għandhom l-għan li jinvestigaw b'mod konkret il-potenzjal tat-teknoloġija tal-edukazzjoni diġitali biex itejbu l-kwalità tal-edukazzjoni u jippromwovu t-tagħlim, billi jibdew minn valutazzjoni tas-sitwazzjoni attwali fil-pajjiżi Ewropej.

Din il-proposta hija allinjata bis-sħiħ mal-għan tal-politika pubblika tal-BEI "Innovazzjoni, Kapital Diġitali u Uman" u mal-Pjan ta' Azzjoni għall-Edukazzjoni Diġitali 2021–2027 tal-Kummissjoni Ewropea. Minħabba r-rwol ewlieni li għandha l-edukazzjoni fil-promozzjoni tal-koeżjoni soċjali, it-tkabbir ekonomiku u l-innovazzjoni, is-sejbiet minn din ir-riċerka jistgħu jippromwovu l-irkupru tal-Unjoni Ewropea wara l-kriżi u jiżviluppaw ir-reżiljenza tagħha għal kriżijiet futuri.

Il-proposti ta' riċerka għandu jkun fihom strateġija biex jiġu indirizzati l-elementi li ġejjin:

1. **Analiżi tal-penetrazzjoni tat-teknoloġija diġitali fis-settur tal-edukazzjoni**

   a. Analiżi komprensiva tax-xejriet tal-investiment fit-teknoloġija tal-edukazzjoni diġitali matul l-aħħar ħames snin, bidliet fil-mudelli tal-investiment mill-bidu tal-pandemija u, jekk possibbli, tbassir tax-xejriet tal-investiment għall-ħames snin li ġejjin.

   b. Aħna nħeġġu, jekk tippermetti d-*data*, id-diżaggregazzjoni skont il-pajjiż, skont il-livell tal-edukazzjoni u skont it-tip ta' teknoloġija, għall-pajjiżi kollha tal-UE, kif ukoll valutazzjoni komparattiva ma' reġjuni oħra tad-dinja.

2. **L-immappjar tat-teknoloġiji tal-edukazzjoni diġitali fis-sistemi edukattivi tal-UE**

   a. Valutazzjoni tal-implimentazzjoni tat-teknoloġiji tal-edukazzjoni diġitali fis-sistemi edukattivi tal-UE. Sa liema punt l-iskejjel pubbliċi/il-ministeri tal-edukazzjoni adottaw soluzzjonijiet diġitali bħala parti mill-għażliet pedagoġiċi tagħhom? Liema minn dawn ġew adottati biex jirrispondu għall-pandemija? X'miżuri qegħdin jittieħdu biex l-għalliema jkunu jistgħu jappproprijaw dawn it-teknoloġiji? F'każ ta' penetrazzjoni bil-mod, x'inhuma l-ostakli?

   b. It-teknoloġiji kollha tal-edukazzjoni diġitali identifikati hawn fuq se jiġu kklassifikati, skont il-livell edukattiv (primarju, sekondarju u terzjarju), f'mill-inqas erba' kategoriji (li għandhom jiġu rieżaminati mit-tim ta' riċerka):

      i. Teknoloġiji diġitali li jikkumplimentaw it-tagħlim personali (tagħlim imħallat)

      ii. It-teknoloġiji diġitali biex tiġi żgurata l-kontinwazzjoni tat-tagħlim

      iii. Teknoloġiji diġitali biex jingħalqu l-lakuni fit-tagħlim

      iv. It-teknoloġiji diġitali għall-evalwazzjoni tal-istudenti

([3]) Ara, pereżempju: "ILO-UNESCO-WBG Stħarriġ Konġunt dwar l-Edukazzjoni u t-Taħriġ Tekniċi u Vokazzjonali (TVET) u l-Iżvilupp tal-Ħiliet matul iż-żmien tal-COVID-19", kif ukoll l-Istħarriġ Rappreżentattiv fost 1 031 għalliem Ġermaniż fil-perjodu 2–8 ta' April 2020. https://deutsches-schulportal.de/unterricht/das-deutsche-schulbarometer-spezial-corona-krise/

([4]) Hanushek and Woessmann (2020), "The Economic Impacts of Learning Losses".

([5]) Meta wieħed iqis li l-Unjoni Ewropea għandha 24,5 miljun student tal-iskola primarja u 36 miljun student tal-iskola sekondarja, u bl-użu tal-ispejjeż għal kull student stmati fil-Bertelsmann Foundation (2017): Tagħmir tal-IT fl-iskejjel. Il-muniċipalitajiet jeħtieġu appoġġ għal kompitu kontinwu ta' diversi biljuni

c. Kull soluzzjoni se tiġi vvalutata permezz ta' kriterji differenti, inklużi:
   i. Prerekwiżiti għall-implimentazzjoni
   ii. Il-kosteffettività
   iii. Potenzjal ta' skalabbiltà
   iv. Potenzjal ta' impatt fuq it-tagħlim
   v. Sodisfazzjon tal-utenti

3. **Żvilupp ta' għodda tal-ikkostjar**

a. Abbażi tar-riżultati tal-valutazzjoni mwettqa fil-punt 2, it-timijiet tar-riċerka u tal-BEI se jagħżlu b'mod konġunt teknoloġija tal-edukazzjoni diġitali waħda billi jitgħallmu l-objettiv (tagħlim adattiv, tagħlim remot/imħallat u valutazzjonijiet formattivi) u l-livell edukattiv.

b. It-tim ta' riċerka se jiżviluppa, għal kull waħda mit-teknoloġiji tal-edukazzjoni diġitali magħżula, għodda tal-ispejjeż faċli għall-utent li aktar tard tista' tintuża mill-promoturi biex jidentifikaw il-ħtiġijiet ta' investiment tagħhom biex jadottaw it-teknoloġiji magħżula.

4. **Evalwazzjonijiet tal-impatt**

a. It-tim ta' riċerka se jevalwa b'mod rigoruż l-effett kawżali ta' mill-inqas teknoloġija waħda tal-edukazzjoni diġitali skont il-livell edukattiv fuq ir-riżultati tat-tagħlim.

b. L-analiżi kwantitattiva se tkun ikkumplimentata minn proċess ta' evalwazzjoni biex jiġi ddokumentat kif jevolvi l-użu tagħha kif ukoll is-sodisfazzjon tal-partijiet ikkonċernati.

L-imsieħeb fir-riċerka huwa mħeġġeġ jipproponi mistoqsijiet ta' riċerka komplementari, suġġetti u metodoloġiji ta' riċerka li jsaħħu l-analiżi ġenerali, sakemm jiġu inklużi l-erba' punti ewlenin.

Il-proposti għandhom jitressqu bl-Ingliż sal-15 ta' Novembru 2021 f'24: 00 (CET). Il-proposti mressqa wara din id-data mhux se jiġu kkunsidrati. Il-proposti għandhom jintbagħtu bil-posta elettronika lil:

Events.EIBInstitute@eib.org

Għal aktar informazzjoni eżawrjenti dwar il-proċess tal-għażla tal-EIBURS u dwar l-Istitut tal-BEI, jekk jogħġbok żur: http://institute.eib.org/

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA KUMMERĊJALI KOMUNI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika ta' bidu ta' rieżami interim parzjali tal-miżuri kompensatorji applikabbli għal importazzjonijiet ta' ċerta trota qawsalla li toriġina mir-Repubblika tat-Turkija

(2021/C 380/05)

Il-Kummissjoni Ewropea ("il-Kummissjoni") iddeċidiet, fuq inizjattiva tagħha stess, li tibda rieżami parzjali interim skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) 2016/1037 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra importazzjonijiet sussidjati minn pajjiżi li mhumiex membri tal-Unjoni Ewropea ([1]) ("ir-Regolament bażiku").

1. **Prodott taħt rieżami**

Il-prodott suġġett għal rieżami huwa t-trota qawsalla (*Oncorhynchus mykiss*)

— ħajja, li tiżen 1,2 kg kull waħda jew anqas, jew

— friska, imkessħa, iffriżata u/jew affumikata:

  — fil-forma ta' ħuta sħiħa (bir-ras), bil-garġi mneħħija jew le, kemm jekk imnaddfa jew le, li tiżen 1,2 kg jew anqas kull waħda, jew

  — bla ras, bil-garġi mneħħija jew le, kemm jekk imnaddfa jew le, li tiżen 1 kg jew anqas kull waħda, jew

  — fil-forma ta' flettijiet li jiżnu 400 g jew anqas kull waħda,

li joriġina mir-Repubblika tat-Turkija (il-pajjiż ikkonċernat) u li fil-preżent jaqa' taħt il-kodiċijiet NM ex 0301 91 90, ex 0302 11 80, ex 0303 14 90, ex 0304 42 90, ex 0304 82 90 u ex 0305 43 00 (il-kodiċi TARIC 0301 91 90 11, 0302 11 80 11, 0303 14 90 11, 0304 42 90 10, 0304 82 90 10 u 0305 43 00 11) ("il-prodott taħt rieżami). Il-kodiċijiet NM u TARIC qed jingħataw għall-informazzjoni biss.

2. **Miżuri eżistenti**

Il-miżuri li hemm fis-seħħ bħalissa huma dazju kumpensatorju definittiv impost bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/823 ([2]).

3. **Raġunijiet għar-rieżami**

Hemm biżżejjed evidenza li turi li ċ-ċirkostanzi rigward is-sussidjar li abbażi tagħhom il-miżuri eżistenti ġew imposti nbidlu u li dawn il-bidliet huma ta' natura dejjiema.

B'mod aktar speċifiku, saru bidliet sinifikanti fl-istruttura u t-termini tal-implimentazzjoni tas-sussidji mogħtija mill-Gvern Tork lill-produtturi tat-troti qawsalla mill-2016 'l hawn. Dawn il-bidliet, li jidhru li għandhom natura dejjiema, wasslu għal tnaqqis ta' sussidji diretti riċevuti mill-produtturi Torok tat-trota qawsalla.

([1]) ĠU L 176, 30.6.2016, p. 55.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/823 tal-20 ta' Mejju 2021 li jimponi dazju kompensatorju definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti troti qawsalla li joriġinaw mit-Turkija wara rieżami ta' skadenza skont l-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) 2016/1037 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. (ĠU L 183, 25.5.2021, p. 5).

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni tqis li hemm biżżejjed evidenza li turi li ċ-ċirkostanzi rigward is-sussidjar inbidlu ħafna, li l-bidliet huma ta' natura dejjiema, u għalhekk jeħtieġ li jsir rieżami tal-miżuri għall-produtturi esportaturi kollha.

Il-Kummissjoni tirriżerva d-dritt li tinvestiga kull prattika oħra ta' sussidju rilevanti li jistgħu jiġu żvelati matul l-investigazzjoni.

4. **Proċedura**

Meta stabbilixxiet, wara li infurmat lill-Istati Membri li hemm biżżejjed evidenza sabiex ikun iġġustifikat il-bidu ta' rieżami interim parzjali limitat għall-eżami tal-livell ta' sussidju, il-Kummissjoni qed tagħti bidu għal rieżami b'konformità mal-Artikolu 19(1) tar-Regolament bażiku. Nota li fiha l-informazzjoni relevanti kollha f'dan l-istadju hija disponibbli għall-partijiet interessati kollha għall-ispezzjoni. L-investigazzjoni se teżamina l-livell ta' sussidjar sabiex tistabbilixxi l-ħtieġa għal impożizzjoni kontinwa tal-miżuri bir-rata attwali.

Il-Gvern tal-pajjiż ikkonċernat ġie mistieden għal konsultazzjonijiet f'konformità mal-Artikolu 10(7) tar-Regolament antisussidji bażiku.

Il-Kummissjoni tiġbed l-attenzjoni tal-partijiet li wara t-tifqigħa tal-COVID-19 ġiet ippubblikata Notifika [3] dwar il-konsegwenzi tat-tifqigħa tal-COVID-19 fuq l-investigazzjonijiet anti-dumping u antisussidji li jistgħu jkunu applikabbli għal dan il-proċediment.

4.1. *Il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami*

L-investigazzjoni tkopri l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2020 sal-31 ta' Diċembru 2020 ("il-perjodu ta' investigazzjoni ta' rieżami").

4.2. *Investigazzjoni fuq il-produtturi esportaturi*

Il-proċedura għall-għażla tal-produtturi esportaturi li għandhom jiġu investigati fil-pajjiż ikkonċernat

(a) Kampjunar

Minħabba l-għadd kbir potenzjali ta' produtturi esportaturi fil-pajjiż ikkonċernat li huma involuti f'dan il-proċediment, u sabiex l-investigazzjoni titlesta fil-limiti ta' żmien statutorji, il-Kummissjoni tista' tillimita l-għadd ta' produtturi esportaturi li jridu jiġu investigati għal għadd raġonevoli billi tagħżel kampjun (dan il-proċess jissejjaħ ukoll "kampjunar"). Il-kampjunar se jsir f'konformità mal-Artikolu 27 tar-Regolament bażiku.

Sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tiddeċiedi jekk huwiex meħtieġ il-kampjunar, u jekk dan ikun il-każ, biex tagħżel kampjun, il-produtturi esportaturi kollha, jew ir-rappreżentanti li jaġixxu f'isimhom, huma b'dan mitluba jipprovdu lill-Kummissjoni l-informazzjoni dwar il-kumpanija/i tagħhom fi żmien sebat (7) ijiem mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din in-Notifika. Din l-informazzjoni trid tingħata permezz ta' TRON.tdi fl-indirizz li ġej:

https://tron.trade.ec.europa.eu/tron/tdi/form/R749_SAMPLING_FORM_FOR_EXPORTING_PRODUCER

L-informazzjoni dwar l-aċċess għal Tron tinstab fit-Taqsima 4.3.

Biex tikseb l-informazzjoni li jidhrilha li hija meħtieġa għall-għażla tal-kampjun ta' produtturi esportaturi, il-Kummissjoni kkuntattjat ukoll lill-awtoritajiet tal-pajjiż ikkonċernat u tista' tikkuntattja lil kwalunkwe assoċjazzjoni magħrufa ta' produtturi esportaturi.

(3) https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A52020XC0316%2802%29 "Dwar it-tifqigħa ta' COVID-19 fuq investigazzjonijiet anti-dumping u antisussidji" (ĠU C86, 16.03.2020, p. 6).

Jekk ikun meħtieġ kampjun, il-produtturi esportaturi jistgħu jintgħażlu skont l-akbar volum rappreżentattiv ta' esportazzjonijiet lejn l-Unjoni li jista' jiġi investigat b'mod raġonevoli fiż-żmien disponibbli. Il-produtturi esportaturi kollha magħrufa, l-awtoritajiet tal-pajjiż ikkonċernat u l-assoċjazzjonijiet ta' produtturi esportaturi se jiġu mgħarrfa mill-Kummissjoni, permezz tal-awtoritajiet tal-pajjiż ikkonċernat, jekk ikun xieraq, dwar il-kumpaniji magħżula biex ikunu fil-kampjun.

Ladarba l-Kummissjoni tkun irċeviet l-informazzjoni meħtieġa biex tagħżel kampjun ta' produtturi esportaturi, se tinforma lill-partijiet ikkonċernati bid-deċiżjoni tagħha dwar jekk ġewx inklużi fil-kampjun. Il-produtturi esportaturi fil-kampjun se jkollhom jippreżentaw kwestjonarju mimli fi żmien 30 jum mid-data tan-notifika li ġie deċiż li jiddaħħlu fil-kampjun, kemm-il darba ma jkunx speċifikat mod ieħor

Kopja ta' dan il-kwestjonarju għall-produtturi esportaturi hija disponibbli fil-file li jistgħu jikkonsultawh il-partijiet interessati u fuq is-sit web tad-DĠ Kummerċ:

https://trade.ec.europa.eu/tdi/case_details.cfm?id=2543

Il-Kummissjoni se żżid nota li tirrifletti l-għażla tal-kampjun fil-file li jistgħu jikkonsultawh il-partijiet interessati. Kull kumment dwar l-għażla tal-kampjun irid jasal fi żmien tlett (3) ijiem mid-data tan-notifika tad-deċiżjoni dwar il-kampjun.

Il-kwestjonarju se jkun disponibbli wkoll għal kwalunkwe assoċjazzjoni magħrufa tal-produtturi esportaturi, u għall-awtoritajiet tal-pajjiż ikkonċernat.

Mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tal-Artikolu 28 tar-Regolament bażiku, il-kumpaniji li jkunu qablu mal-inklużjoni possibbli tagħhom fil-kampjun iżda li ma jintgħażlux biex ikunu fil-kampjun se jitqiesu li qed jikkooperaw ("il-produtturi esportaturi mhux inklużi fil-kampjun li kkooperaw"). Mingħajr preġudizzju għat-Taqsima (b) hawn taħt, id-dazju kumpensatorju li jista' jiġi applikat għall-importazzjonijiet mill-produtturi esportaturi mhux inklużi fil-kampjun li kkooperaw ma għandux jaqbeż l-ammont medju ponderat ta' sussidju stabbilit għall-produtturi esportaturi fil-kampjun ([4]).

(b) Ammont individwali ta' sussidjar kumpensabbli għall-kumpaniji mhux inklużi fil-kampjun

Skont l-Artikolu 27(3) tar-Regolament bażiku, il-produtturi esportaturi mhux inklużi fil-kampjun li kkooperaw jistgħu jitolbu lill-Kummissjoni biex tistabbilixxi l-ammont individwali ta' sussidjar kumpensabbli tagħhom. Il-produtturi esportaturi li jixtiequ jagħmlu talba għal ammont ta' sussidjar kumpensabbli individwali jridu jimlew il-kwestjonarju u jirritornawh debitament mimli fi żmien 30 jum mid-data tan-notifika tal-għażla tal-kampjun, kemm-il darba ma jkunx speċifikat mod ieħor. Kopja tal-kwestjonarju għall-produtturi esportaturi hija disponibbli fil-file li jistgħu jikkonsultawh il-partijiet interessati u fis-sit web tad-DĠ Kummerċ:

https://trade.ec.europa.eu/tdi/case_details.cfm?id=2543

Il-Kummissjoni se teżamina jekk il-produtturi esportaturi mhux inklużi fil-kampjun li jikkooperaw jistgħux jingħataw ammont ta' sussidjar kumpensabbli individwali f'konformità mal-Artikolu 27(3) tar-Regolament bażiku.

Madankollu, il-produtturi esportaturi mhux inklużi fil-kampjun li kkooperaw, li jitolbu ammont ta' sussidjar kumpensabbli individwali, għandhom ikunu konxji li l-Kummissjoni xorta waħda tista' tiddeċiedi li ma tikkalkulax l-ammont ta' sussidjar kumpensabbli individwali tagħhom jekk, pereżempju, l-għadd ta' produtturi esportaturi mhux inklużi fil-kampjun li kkooperaw tant ikun kbir li jkun wisq diffiċli biex dan jiġi stabbilit u minħabba f'hekk l-investigazzjoni ma tkunx tista' titlesta fil-ħin.

4.3. *Partijiet interessati*

Il-partijiet jistgħu jipparteċipaw biss fl-investigazzjoni bħala parti interessata mill-mument meta jippreżentaw lilhom infushom, u dment li jkun hemm rabta oġġettiva bejn l-attivitajiet tagħhom u l-prodott taħt rieżami. Il-fatt li wieħed jitqies bħala parti interessata huwa mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tal-Artikolu 28 tar-Regolament bażiku.

([4]) Skont l-Artikolu 15(3) tar-Regolament bażiku, ma għandhomx jitqiesu l-ammonti żero u *de minimis* kollha tas-sussidji kumpensabbli u l-ammonti tas-sussidji kumpensabbli stabbiliti fiċ-ċirkostanzi msemmijin fl-Artikolu 28 tar-Regolament bażiku.

L-aċċess għall-file għall-ispezzjoni mill-partijiet interessati jsir permezz ta' Tron.tdi f'dan l-indirizz: https://webgate.ec.europa.eu/tron/TDI. Segwi l-istruzzjonijiet fuq din il-paġna sabiex tikseb aċċess.

4.4. *Preżentazzjonijiet oħrajn bil-miktub*

Soġġett għad-dispożizzjonijiet ta' din in-Notifika, il-partijiet interessati kollha huma b'dan mistiedna jesprimu l-opinjonijiet tagħhom, jippreżentaw l-informazzjoni u jipprovdu evidenza ta' sostenn. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, din l-informazzjoni u l-evidenza ta' sostenn iridu jaslu għand il-Kummissjoni fi żmien 37 jum mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din in-Notifika f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Sabiex tikseb l-informazzjoni li tqis bħala meħtieġa għall-investigazzjoni tagħha, il-Kummissjoni se tibgħat kwestjonarji lill-partijiet interessati li ppreżentaw ruħhom.

4.5. *Possibbiltà ta' smigħ mis-servizzi ta' investigazzjoni tal-Kummissjoni*

Il-partijiet kollha interessati jistgħu jitolbu li jinstemgħu mis-servizzi ta' investigazzjoni tal-Kummissjoni. Kull talba għal seduta ta' smigħ trid issir bil-miktub u trid tispeċifika r-raġunijiet għat-talba kif ukoll sommarju ta' dak li l-parti interessata tixtieq tiddiskuti waqt is-seduta ta' smigħ. Is-seduta ta' smigħ tkun limitata għall-kwistjonijiet stabbiliti minn qabel mill-partijiet interessati bil-miktub.

Fil-prinċipju, is-seduti ta' smigħ mhux se jintużaw biex tiġi ppreżentata informazzjoni fattwali li ma tkunx għadha ddaħħlet fil-file. Madankollu, fl-interess ta' amministrazzjoni tajba u sabiex is-servizzi tal-Kummissjoni jkunu jistgħu jimxu 'l quddiem bl-investigazzjoni, il-partijiet interessati jistgħu jintalbu jipprovdu informazzjoni fattwali ġdida wara seduta ta' smigħ.

4.6. *Struzzjonijiet dwar il-preżentazzjonijiet bil-miktub u biex jintbagħtu l-kwestjonarji mimlijin u l-korrispondenza*

L-informazzjoni ppreżentata lill-Kummissjoni għall-fini ta' investigazzjonijiet għad-difiża tal-kummerċ għandha tkun ħielsa mid-drittijiet tal-awtur. Il-partijiet interessati, qabel ma jissottomettu lill-Kummissjoni informazzjoni u / jew *data* li hija soġġetta għal drittijiet ta' awtur ta' partijiet terzi, iridu jitolbu permess speċifiku lid-detentur tad-drittijiet tal-awtur biex jippermetti b'mod espliċitu lill-Kummissjoni:

a) tuża l-informazzjoni u d-*data* għall-iskop ta' dan il-proċediment ta' difiża tal-kummerċ u

b) tipprovdi l-informazzjoni u / jew id-*data* lill-partijiet interessati f'din l-investigazzjoni f'forma li tippermettilhom jeżerċitaw id-drittijiet tad-difiża tagħhom.

Il-preżentazzjonijiet bil-miktub kollha, inkluża l-informazzjoni mitluba f'din in-Notifika, il-kwestjonarji mimlija u l-korrispondenza pprovduta mill-partijiet interessati li għalihom jintalab trattament kunfidenzjali għandhom jiġu mmarkati "Sensitive [5]" (Informazzjoni Sensittiva). Il-partijiet li jippreżentaw informazzjoni matul din l-investigazzjoni huma mistiedna jagħtu raġunijiet għat-talba tagħhom għal trattament kunfidenzjali.

Il-partijiet li jipprovdu informazzjoni li tkun "*Sensittiva*" huma mitluba jipprovdu sommarji mhux kunfidenzjali tagħha skont l-Artikolu 29(2) tar-Regolament bażiku, filwaqt li jimmarkawha "*For inspection by interested parties*" (Għall-konsultazzjoni mill-partijiet interessati). Dawn is-sommarji jridu jkunu ddettaljati biżżejjed biex jippermettu li s-sustanza tal-informazzjoni ppreżentata b'mod kunfidenzjali tinftiehem b'mod raġonevoli.

Jekk il-parti li tipprovdi l-informazzjoni kunfidenzjali tonqos milli tagħti raġunijiet ġusti għal talba ta' trattament kunfidenzjali jew ma tipprovdix sommarju mhux kunfidenzjali tagħha fil-format u bil-kwalità mitluba, il-Kummissjoni tista' tinjora tali informazzjoni kemm-il darba ma jkunx jista' jintwera b'mod sodisfaċenti minn sorsi xierqa li l-informazzjoni hija korretta.

Il-partijiet interessati huma mistiedna jressqu l-preżentazzjonijiet u t-talbiet kollha permezz ta' TRON.tdi (https://tron.trade.ec.europa.eu/tron/TDI) inklużi dokumenti skennjati ta' prokuri u ta' ċertifikazzjoni. Meta jużaw TRON.tdi jew il-posta elettronika, il-partijiet interessati jkunu qed jesprimu l-qbil tagħhom mar-regoli applikabbli għall-preżentazzjonijiet elettroniċi li jinsabu fid-dokument "CORRESPONDENCE WITH THE EUROPEAN COMMISSION IN TRADE DEFENCE CASES" (KORRISPONDENZA MAL-KUMMISSJONI EWROPEA F'KAŻIJIET TA' DIFIŻA TAL-KUMMERĊ) ippubblikat fis-sit web tad-Direttorat Ġenerali għall-Kummerċ: http://trade.ec.europa.eu/doclib/docs/2011/june/tradoc_148003.pdf.

(5) Dokument immarkat 'Sensitive' huwa dokument li jitqies li hu kunfidenzjali skont l-Artikolu 29 tar-Regolament bażiku u l-Artikolu 12 tal-Ftehim dwar is-Sussidji u l-Miżuri Kompensatorji. Huwa wkoll dokument protett skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43).

Il-partijiet interessati jridu jindikaw isimhom, l-indirizz, in-numru tat-telefon u indirizz tal-posta elettronika validu u għandhom jiżguraw li l-indirizz tal-posta elettronika pprovdut ikun indirizz tal-posta elettronika tax-xogħol uffiċjali, li jaħdem u li jiġi vverifikat kuljum. Ladarba jiġu pprovduti d-dettalji ta' kuntatt, il-Kummissjoni tikkomunika mal-partijiet interessati permezz ta' TRON.tdi jew tal-posta elettronika biss, sakemm ma jitolbux li jirċievu d-dokumenti kollha mingħand il-Kummissjoni b'mezz ieħor ta' komunikazzjoni jew sakemm in-natura tad-dokument li jrid jintbagħat ma tkunx teħtieġ l-użu tal-posta rreġistrata.

Għal regoli u għal informazzjoni ulterjuri dwar il-korrispondenza mal-Kummissjoni, inklużi l-prinċipji li japplikaw għall-preżentazzjonijiet bi TRON.tdi u bil-posta elettronika, jenħtieġ li l-partijiet interessati jikkonsultaw l-istruzzjonijiet ta' komunikazzjoni mal-partijiet interessati msemmija hawn fuq.

L-indirizz tal-Kummissjoni għall-korrispondenza:

European Commission
Directorate-General for Trade
Directorate G
Uffiċċju: CHAR 04/039
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

TRON.tdi: https://tron.trade.ec.europa.eu/tron/tdi

Indirizz tal-posta elettronika: TRADE-R749-TROUT-SUBSIDY@ec.europa.eu

5. **Skeda tal-investigazzjoni**

L-investigazzjoni se tintemm, skont l-Artikolu 22(1) tar-Regolament bażiku, fi żmien 15-il xahar mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din in-Notifika f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

6. **Possibbiltà li jsiru kummenti dwar il-preżentazzjonijiet ta' partijiet oħra**

Sabiex jiġu ggarantiti d-drittijiet tad-difiża, jenħtieġ li l-partijiet interessati jkollhom il-possibbiltà li jikkummentaw dwar l-informazzjoni ppreżentata minn partijiet interessati oħra. Meta jagħmlu dan, il-partijiet interessati jistgħu biss jindirizzaw kwistjonijiet imqajma fil-preżentazzjonijiet ta' partijiet interessati oħra u ma jistgħux jintroduċu kwistjonijiet ġodda.

Jenħtieġ li l-kummenti dwar l-informazzjoni pprovduta minn partijiet interessati oħra b'reazzjoni għall-iżvelar tas-sejbiet definittivi, jiġu ppreżentati fi żmien ħamest (5) ijiem mill-iskadenza għal kummenti dwar is-sejbiet definittivi, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor. Jekk ikun hemm żvelar finali addizzjonali, il-kummenti mressqa minn partijiet interessati oħra b'reazzjoni għal dan l-iżvelar ulterjuri għandhom isiru fi żmien ġurnata mill-iskadenza għall-kummenti dwar dan l-iżvelar ulterjuri, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor.

L-iskeda ta' żmien indikata hija mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-Kummissjoni li titlob għal informazzjoni addizzjonali mingħand il-partijiet interessati f'każijiet debitament ġustifikati.

7. **Estensjoni għal-limiti ta' żmien speċifikati f'din in-Notifika**

Kull estensjoni għal-limiti ta' żmien previsti f'din in-Notifika għandha tintalab biss f'ċirkostanzi eċċezzjonali u għandha tingħata biss jekk tkun debitament ġustifikata abbażi ta' raġuni valida. Fi kwalunkwe każ, kull estensjoni għall-iskadenza biex jitwieġbu l-kwestjonarji tkun normalment limitata għal tlett (3) ijiem, u bħala regola ma taqbiżx is-sebat (7) ijiem. Fir-rigward tal-limiti ta' żmien għall-preżentazzjoni ta' informazzjoni oħra speċifikata fin-Notifika ta' Bidu, l-estensjonijiet ikunu limitati għal tlett (3) ijiem sakemm ma jintwerewx xi ċirkostanzi eċċezzjonali.

8. **Nonkooperazzjoni**

F'każijiet fejn xi parti interessata tirrifjuta l-aċċess għall-informazzjoni meħtieġa jew ma tipprovdihiex fil-limiti ta' żmien, jew tfixkel b'mod sinifikanti l-investigazzjoni, jistgħu jiġu stabbiliti konklużjonijiet, sew jekk pożittivi kif ukoll jekk negattivi, abbażi tal-fatti disponibbli, skont l-Artikolu 28 tar-Regolament bażiku.

Fejn jinstab li xi parti interessata tkun ipprovdiet informazzjoni falza jew qarrieqa, l-informazzjoni tista' tiġi injorata u jistgħu jintużaw il-fatti disponibbli.

Jekk parti interessata ma tikkooperax jew tikkoopera parzjalment biss u l-konklużjonijiet ikunu għalhekk ibbażati fuq il-fatti disponibbli f'konformità mal-Artikolu 28 tar-Regolament bażiku, ir-riżultat jista' jkun inqas favorevoli għal dik il-parti milli kieku tkun ikkoperat.

In-nuqqas ta' tweġiba kompjuterizzata ma għandux jiġi kkunsidrat bħala nuqqas ta' kooperazzjoni, kemm-il darba l-parti interessata turi li l-preżentazzjoni tat-tweġiba kif mitlub tkun tirriżulta f'piż żejjed mhux raġonevoli jew fi spiża addizzjonali mhux raġonevoli. Jenħtieġ li l-parti interessata tikkuntattja immedjatament lill-Kummissjoni.

9. **Uffiċjal tas-Seduta**

Il-partijiet interessati jistgħu jitolbu l-intervent tal-Uffiċjal tas-Seduta għal proċedimenti kummerċjali. L-Uffiċjal tas-Seduta jeżamina t-talbiet għall-aċċess għall-file, it-tilwim marbut mal-kunfidenzjalità tad-dokumenti, it-talbiet għal estensjoni tal-limiti ta' żmien u kull talba oħra dwar id-drittijiet tad-difiża tal-partijiet interessati u tal-partijiet terzi li jistgħu jirriżultaw matul il-proċediment.

L-Uffiċjal tas-Seduta jista' jorganizza seduti ta' smigħ u jagħmilha ta' medjatur bejn il-parti(jiet) interessata/i u s-servizzi tal-Kummissjoni sabiex jiżgura li d-drittijiet tad-difiża tal-partijiet interessati jkunu qed jiġu eżerċitati bis-sħiħ. Jenħtieġ li t-talba għal seduta ta' smigħ mal-Uffiċjal tas-Seduta ssir bil-miktub u jenħtieġ li tispeċifika r-raġunijiet għat-talba. L-Uffiċjal tas-Seduta jeżamina r-raġunijiet għat-talbiet. Jenħtieġ li dawn is-seduti ta' smigħ isiru biss jekk il-kwistjonijiet ma jkunux ġew solvuti mas-servizzi tal-Kummissjoni fi żmien debitu.

Kull talba trid tiġi ppreżentata fi żmien raġonevoli u f'qasir żmien sabiex ma xxekkilx l-andament tajjeb tal-proċedimenti. Għal dan il-għan, jenħtieġ li l-partijiet interessati jitolbu l-intervent tal-Uffiċjal tas-Seduta minn kmieni kemm jista' jkun wara li jseħħ il-każ li jiġġustifika tali intervent. L-Uffiċjal tas-Seduta jeżamina wkoll ir-raġunijiet għal talbiet għal interventi, in-natura tal-kwistjonijiet imqajma u l-impatt ta' dawn il-kwistjonijiet fuq id-drittijiet tad-difiża, filwaqt li debitament iqis l-interessi ta' amministrazzjoni tajba u t-tlestija f'waqtha tal-investigazzjoni.

Għal iktar informazzjoni u għad-dettalji ta' kuntatt, il-partijiet interessati jistgħu jikkonsultaw il-paġni web tal-Uffiċjal tas-Seduta fuq is-sit web tad-DĠ Kummerċ:

http://ec.europa.eu/trade/trade-policy-and-you/contacts/hearing-officer/.

10. **Ipproċessar ta' *data* personali**

Kull *data* personali li tinġabar f'din l-investigazzjoni se tiġi trattata skont ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. ([6])

Notifika dwar il-protezzjoni tad-*data* li tinforma lill-individwi kollha dwar l-ipproċessar tad-*data* personali fil-qafas tal-attivitajiet tad-difiża tal-kummerċ tal-Kummissjoni tinsab fis-sit web tad-DĠ Kummerċ:

http://ec.europa.eu/trade/policy/accessing-markets/trade-defence

---

([6]) Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE ĠU L295, 21.11.2018, p. 39.

ISSN 1977-0987 (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet
tal-Unjoni Ewropea
L-2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT